MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1118/2004/1

**Paul Abela**

**vs**

**Jane Sheehan u Segretarju tad-Djar**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ April, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza in parte fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenuta thallas is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti kera fuq il-fond imsemmi fit-talba u dan ghaliex kienet qed tokkupa l-istess fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u dana kif gie kkonfermat mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-

ismijiet Paul Abela Vs Jane Sheehan (743/98JAB).

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet:

a) Fl-ewwel lok id-decizjoni finali fir-rigward tan-nuqqas ta’ titolu validu fil-ligi da parti ta’ l-eccipjenti giet pronunzjata biss mill-Qorti ta’ l-Appell u t-terminu moghti a favur ta’ l-eccipjenti ta’ erba’ xhur ghall-finijiet taz-zgumbrament kien ghadu in corso meta gie ntavolat l-Avviz.

b) Fit-tieni lok tghid li t-talba attrici hija eccessiva u dana wkoll billi l-eccipjenti kienet qieghda debitament toffri lill-attur il-kera pagabbli fir-rigward tal-fond imsemmi liema kera kienet giet iddepozitata fil-Qorti wara ir-rifjut da parti ta’ l-istess attur.

c) Fit-tielet lok tghid li skond il-ligi, hemm lok, illi tigi ordnata l-kjamata in kawza s-Segretarju tad-Djar, u dana stante illi l-eccipjenti kienet kompliet fl-okkupazzjoni fil-fond imsemmi fit-talba wara li kien skada l-perjodu tal-enfitewtsi temporanja a bazi tal-fatt illi l-istess Segretarju tad-Djar kien debitament kopert b’ordni tar-rekwizizzjoni skond il-ligi u li ghalhekk id-dritt ghall-pussess fir-rigward ta’ l-istess fond kien jispetta unikament lis-Segretarju tad-Djar.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tikkonferma li meta ghalaq ic-cens ta’ l-imsemmi fond, l-attur kien qalilha biex tizgombra izda hi rrifjutat. Wara dan tghid illi l-attur ghamel appell. Tghid ukoll ghalhekk bdiet tiddepozita l-kera l-Qorti.

Tikkonferma li bejn l-ahhar ta’ Gunju u l-bidu ta’ Lulju 2004 tat ic-cwievet lil hu l-attur u ghalkemm kienet baqghet tinsisti sabiex jaghtiha karta, ma tahiex.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Illi dan l-Artikolu jipprovdi li:

*"Actions for damages not arising from a criminal offence are barred by the lapse of two years."*

Illi dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili japplikax f'dan il-kaz fejn il-konvenuta baqghet tokkupa l-fond wara li gie tterminat il-kuntratt ta' cens.

L-Artikolu 2153 jirriferi ghall-azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana). Dan l-Artikolu japplika per ezempju ghall-kaz fejn hemm incident tat-traffiku.

Illi fil-kawza Vella Laurenti et Vs Mapa Holdings Limited (PA GCD 22/5/2003) gie ddikjarat:

*"Jekk b'dak ix-xoghol ghamlu hsara lis-socjeta' konvenuta kienet hsara ex delicto u mhux minhabba inadempiment kuntrattwali, ghax ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma tolqotx xoghlijiet fuq l-art. L-ghemil ta' l-atturi kien mhux ksur tal-kuntratt izda tal-jedd in re tas-socjeta' konvenuta bhala sid ta' l-art taht l-Artikolu 321 tal-Kodici Civili; l-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull hsara li ssir tkun bilfors konsegwenza ta' inadempiment ta' xi obbligazzjoni li tohrog mill-kuntratt. Billi l-ghemil ta' l-atturi, ghalkemm illecitu, ma kienx reat, il-preskrizzjoni li tolqot l-azzjoni relattiva hija dik taht l-Artikolu 2153."*

Illi f'dan il-kaz l-Avviz gie pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2004 u fit-talba mhux car ghal liema

perjodu l-attur qieghed jitlob id-danni. Illi fil-kaxxa fejn hemm miktub *"Meta"* l-attur nizzel *"Mis-sena 1998 'l hawn"*.

Ic-cwievet gew irritornati f'Gunju jew f'Lulju 2004. Illi billi l-okkupazzjoni tal-konvenuta ma kienx ksur ta' xi kuntratt izda okkupazzjoni bla titolu d-danni riklamati hlief ghal dawk ta' l-ahhar sentejn qabel il-prezentata ta' l-Avviz huma preskritti.

Ghaldaqstant jilqa' in parti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jiddikjara li d-danni riklamati hlief ghal dawk ta' l-ahhar sentejn qabel il-prezentata ta' l-Avviz huma preskritti u jiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-16 ta' Mejju, 2005.

Spejjez riservati.**"**

Konsegwentement, fit-8 ta' Jannar, 2007, l-imsemmi Tribunal, diversament presjedut ippronunzja s-sentenza finali hawn taht riprodotta:-

**"**It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas mill-konvenut ta' elf' Lira Maltin (LM1,000.00) rapprezentanti kera li kien jithallas l-attur li kieku l-konvenuta rritornatlu l-pussess tal-fond 9, Viani Street , Sliema, hekk meta giet mitluba mill-attur u dana peress illi hija kienet qieghda tokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dana kif gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Paul Abela vs Jane Sheehan ( AVV Nru, 743/98 JAB) fl-24 ta' Marzu, 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 31 ta' Marzu, 2004 u 27 ta' April, 2004 dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill- konvenuta li permezz taghha eccepiet illi:

1) It-talba attrici hija ntempestiva billi d-decizjoni finali fir-rigward tan-nuqqas ta' titolu validu fil-ligi da part ital-eccipjenti giet pronunzjata mill-Qorti tal-Appell fit-24 ta' Marzu, 2004 u t-terminu moghti a favur tal-eccipjenti ta' erba' xhur ghal-finijiet ta' zgumbrament kien ghadu in corso meta gie intavolat l-avviz.

2) Fit-tieni lok u dana minghajr l-ebda pregudizzju ghal fuq eccepiet, it-talba attrici hija eccessiva u dana ukoll billi l-eccipjenti kienet qieghda debitament toffri lill-attur il-kera pagabbli fir-rigward tal-fond 'de quo' liema kera kienet giet depozitata fil-Qorti wara r-rifjut da parti tal-istess attur milli jaccetta l-istess.

3) Fit-tielet lok u minghaj l-ebda pregudizzju ghal fuq eccepiet, hemm lok skond il-ligi lli tigi ordnata il-kjamata in kawza is-Segretarju tad-Djar kif eccipjenti qieghed permezz tal-prezenti jitlob lil dana it-Tribunal sabiex jordna u dana stante illi l-eccipjenti kompliet fl-okkupazzjoni fil-fond 'de quo' wara illi kien skada il-perjodu tal-enfitewsi temporanju a bazi tal-fatt illi l-istess Segretarju tad-Djar kien irrappresentalha illi l-istess fond 'de quo' kien debitament kopert b'ordni tar-rekwizizzjoni skond il-Ligi u ghalhekk id-dritt ghal pussess fir-rigward tal-istess fond kien jispetta unikament lis-Segretarju tad-Djar.

4) Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

5) Bl-Ispejjez.

Ra r-Risposta tal-Kjamat in Kawza, id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fejn kien qed jikkontesta t-talbiet atturi stante li:

1. Huwa m'huwiex il-legittimu kuntraditur f'din il-kawza stante illi huwa qatt ma irrekwizizzjona l-fond in kwistjoni u ghaldaqstant it-talba attrici ma tistax validament tigi rivolta lejh;
2. Fil-konfronti tal-konvenut, l-eccipjenti qatt ma ghaddielha l-pussess tal-fond in kwistjoni billi huwa ma kellux tali pussess;
3. Illi inoltre l-posizzjoni li qed jassumi l-eccipjent f'din il-kawza hija riflessa fid-decizjoni fl-ismijiet 'Paul Abela vs Jane Sheehan' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu, 2004.

It-Tribunal ra lli l-konvenuta Jane Sheehan kien eccepixxa il-preskrizzjoni ai terminu tal-artiklu 2153 tal-kodici Civili.

Ra s-sentenza dwar il-preskrizzjoni moghtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut fejn gie milqugh in parti l-eccezzzjoni dwar il-preskrizzjoni u fejn gie ddikjarat lli d-danni riklamati hlief ghal dawk ta' l-ahhar sentejn qabel il-prezentata ta' l-Avviz huma preskritti.

Ra x-xhieda ta' Jane Sheehan u tal-attur Paul Abela, kif ukoll kopja tax-xhieda tar-rapprezentant tas-Segretarju tad-Djar Joseph Butigieg li kien xehed fit-3 ta' Mejju, 1999 fis-seduta mmexxija mill-Magistrat Sr Joseph Apap Bologna.

Ra l-Atti kollha tal-process.

Ra d-dokument kollha ezebiti mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidra

Mix-xhieda u dokumenti jirrizultaw lli l-konvenuta kienet irritornat lura c-cwievet fil-mori tal-kawza in linja mad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi skond decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gie ddikjarat

mit-Tribunal lli d-danni riklamati hlief ghal dawk ta' l-ahhar sentejn qabel il-prezentata ta' l-Avviz huma preskritti. Ghalhekk il-kwantum tal-kera semmaj dovuta ghandha tigi kkalkolata minn sentejn qabel il-prezentata tal-Avvizi u cioe' mill 26 ta' Mejju, 2002.

Jidher illi l-ammont ghall-kera mitlub mill-attur fl-Avviz huwa bbazat fuq stima moghti lilu mill-Perit u li huwa fl-ammont ta' LM1000 ghal sitt snin u erbgha xhur. Jekk dan l-ammont jigi diviz aritmetikament l-attur ikun qieghed jitlob l-ammont ta' Lm157.89 fis-sena mill-konvenuta bhala kera dovuta. Il-konvenuta kienet qieghda toffri lill-attur is-somma ta' LM140 u wara li din is-somma giet rifjutata l-konvenuta iddepositat tali soma fil-Qorti tal-Magistarti skond cedoli ta' depositu esebiti. Bejn l-ammont mitlub u l-ammont mhallas jidher illi hemm differenza ta' mhux akar minn LM1.50 fix-xahar.

Illi jidher minn dokumenti pprezentati lli l-konvenuta kienet ilha tiddeposita l-kera minn Marzu 1998 u l-ahhar cedola ta' depositu kient twassal sad-9 ta' Dicembru, 2003. Illi jidher illi l-kera kienet mhallsa sad-9 ta'Dicembru, 2003. Jirrizulta Illi hemm diskrepanza ta' kera dovuta u mhux mhallsa lill-atturi jew ta' kera mhux depositata ta' sitt xhur u cioe' mill-10 ta' Dicembru, 2004 sad-9 ta' Gunju, 2004 li kellhom jammontaw ghal LM70 . Mix-xhieda jidher ili c-cwievet inghataw lura fil-bidu ta' Lulju, 2004 u ghalhekk jkun jonqos kera wahda mensili biss u cioe' ta' LM11.66.

Illi bejn dak li qed jitlob l-attur bhala kera fis-sena u dak li xtaqet thallas l-konvenuta fis-sena l-ammont huwa negligibbli. Ghalhekk jidher illi-ammont li kienet qed toffri l-konvenuta huwa wiehed gust.

> Illi it-Tribunal fid-decizjoni finali tieghu ghandu jiehu nkunsiderazzjoni ukoll id-decizjoni dwar il-preskrizzjoni moghtija minn dan it-Tribunal fejn il-kwantum tal-kera ghandha tigi kkalkolata minn sentejn qabel il-prezentata tal-Avviz.
>
> Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna il-konvenuta thallas l-ammont ta' LM81.66 lill-attur li huwa l-ammont dovut ghall-ahhar seba' xhur kera li ma gewx iddepozitati il-Qorti u l-bqija tal-kera dovuta tista' tigi migbura mill-Attur mill-Qorti tal-Magistrati fejn giet depozitata. It-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza.
>
> Spejjez tal-kawza tlett kwarti ghall-attur u kwart ghall-konvenuta fil-waqt illi l-ispejjez tal-kjamat in kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta.**"**

L-aggravji ta' l-attur kif sottomessi bl-appell tieghu lil din il-Qorti huma s-segwenti:-

(1) l-ewwel sentenza ta' l-4 ta' April 2005 relattiva ghall-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2153, Kodici Civili, opposta mill-konvenuta, hi guridikament vizzjata;

(2) It-tieni sentenza tat-8 ta' Jannar 2007 li bih t-Tribunal iddefinixxa l-mertu hi wkoll difettuza ghall-motiv li s-somma minnu reklamata kellha tintlaqa' fl-intier;

Il-konvenuta approfittat ruhha mill-appell interpost mill-attur biex tressaq appell incidentali. Hi tissottometti li hassitha aggravata bil-konkluzjoni tat-Tribunal li jillibera lill-imsejjah fil-kawza, Segretarju tad-Djar, in kwantu c-cirkustanzi li fihom hi sabet ruhha kienu r-rizultat ta' zball kommess minn dan l-istess kjamat fil-kawza meta hareg ordni ta' rekwizizzjoni li mhux suppost inhareg;

Bla ebda ezistazzjoni hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi z-zewg aggravji sottoposti mill-attur huma sostenibbli fid-dritt, u s-sentenzi impunjati, fundamentalment zbaljati;

Jezisti motiv legali illi ghat-talba kif koncepita, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija fit-termini ta' l-Artikolu 2153, Kapitolu 16, mhix ammissibbli. Hemm okkupazzjoni ta' fond li hi legittima u tikkreja vinkolu, guridikament apprezzabbli, ghax voluta u akkonsentita minn proprjetarju jew possessur tal-fond (ad ezempju, fil-kaz ta' kiri jew ta' kommodat) u hemm okkupazzjoni li hi illegittima ghaliex l-okkupant ta' fond ma jgawdi ebda forma ta' titolu fuqu, u dik l-okkupazzjoni tieghu hi wahda abusiva. F' okkupazzjoni hekk klassifikata mhux bilfors, jew dejjem, jidhlu elementi ta' "mala fede";

Ferma din l-introduzzjoni, huwa distingwibbli illi t-talba, kif ifformulata, hi wahda tendenti ghall-hlas ta' kumpens, rapprezentat taht forma ta' kera, ghall-okkupazzjoni ta' fond *sine titulo*. Talba bhal din ma tikkontjeni ebda karattru Akwiljan, delittwuz jew kolpuz, ankorke jkun il-kaz li dik l-okkupazzjoni kienet illegali ghaliex il-konvenuta appellata ma kellha ebda titolu validu;

Certament, it-Tribunal adit ma kellux jitlef di vista l-antecedenti li taw lok ghal kawza quddiemu. Essenzjalment, il-fatt accertat illi, skadut definittivament it-terminu enfitewtiku fid-9 ta' Marzu 1998, is-subcenswalista fil-persuna tal-konvenuta giet, ghar-ragunijiet imfissra fid-decizjoni l-ohra (5 ta' Mejju 2003) bejn l-istess partijiet (Avviz Numru 743/98), qed tokkupa l-fond minghajr titolu effettiv fil-ligi. Dan, kif ulterjorment ikkonfermat minn din il-Qorti, kif presjeduta, fid-decizjoni taghha ta' l-24 ta' Marzu 2004;

Hu minn dan desumibbli illi l-inadempjenza da parti tal-konvenuta li tivvaka mill-fond fit-terminazzjoni tal-perijodu

enfitewtiku kien jikkostitwixxi mhux biss ksur tal-ligi imma wkoll inadempjenza kuntrattwali li, b' konsegwenza, gabet il-kundanna gudizzjali ta' l-isfratt taghha mill-fond. Tali inadempjenza ma tistax, lontanament, titqies ta' indoli akwiljana, imma wahda *ex contractu*;

Jikkonsegwi minn dan illi l-preskrizzjoni ta' sentejn (Artikolu 2153) opponibbli mill-konvenuta ma kienetx applikabbli. Fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza huwa pacifiku illi "l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum, Artikolu 2153, Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni 'extra-kontrattwali', jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni, 'ex delicto vel quasi'." Meta d-danni huma *ex contractu* ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta' hames snin u mhux ta' sentejn". Ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 1340**; **Vol. XIX P III p 106** u **Vol. XXVI P I p 54**, fost bosta ohrajn;

Tghodd, imbaghad, ghall-fattispeci tal-kaz taht konsiderazzjoni, il-kazistika assodanti illi, in tema ta' talba ghall-hlas ghall-okkupazzjoni ta' fond bla titolu, hi applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali artikolata fid-dispost 2156 (f) tal-Kodici Civili. A skans ta' ripetizzjoni ta' l-aspetti konsiderativi tat-tematika ssir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Prokuratur Legali John Privitera *nomine* -vs- Prokuratur Legali Ivo Galea *et***", Appell, 1 ta' Dicembru, 2000; "**Patrick Staines *nomine* -vs- Charles Falzon *et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru, 2002 per Imhallef Tonio Mallia, u "**Noel Xuereb *et* -vs- Georg Sapiano *nomine***" deciza minn din il-Qorti, kif presjeduta, fl-24 ta' Mejju 2006;

Bl-ahhar punt, ma jkunux inopportun li jigi rilevat illi ghal dak li jikkoncerna d-dekorriment taz-zmien tal-preskrizzjoni dan, fil-kaz hawn ikkontemplat, ma setax jibda jghaddi hlief mid-data tad-definizzjoni ta' l-azzjoni li stabbiliet l-ezistenza ta' l-okkupazzjoni bla titolu u ordnat l-izgumbrament. Fil-prattika, mid-decizjoni ta' din il-Qorti ta'

l-24 ta' Marzu 2004. Kif inhu maghruf, fl-ordinament taghna l-principju "*contra non volentam agere non currit praescriptio*" issib applikazzjoni fil-kazijiet ta' sospensjoni, jew f' dawk fejn, eccezzjonalment, il-ligi tikkoncedi rilevanza lil certi ostakoli materjali ghall-ezercizzju tad-dritt. Ad ezempju, fil-kaz ta' annullament jew rexxissjoni tal-kuntratt minhabba vizzju ta' kunsens, mill-jum li fih ticcessa l-vjolenza jew fil-kaz ta' zball, ghemil doluz jew kawza falza, minn dakinhar li dan jigi skopert. A propositu, l-Artikolu 1223 (1) tal-Kodici Civili;

Anke hawn il-gurisprudenza taghna linejarment issostni illi jekk l-ezercizzju ta' azzjoni jkun jiddependi mill-ezitu ta' gudizzju iehor, kif hekk inhu hawn ukoll, il-pendenza ta' dak il-gudizzju l-iehor jikkostitwixxi impediment legittimu ghall-ezercizzju tad-dritt u jissospendi l-preskrizzjoni. Ara "**Caterina Gerada -vs- Dr. Antonio Caruana**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1969 u "**Bartolomeo Xuereb -vs- Carmelo Zammit**", Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994;

Fuq it-tieni motiv ta' aggravju din il-Qorti ma tistax tonqos li tosserva illi l-motivazzjoni fis-sentenza fil-mertu mhux biss ma tikkontjeni ebda element ekwitativ, sostrat baziku ghad-decizjonijiet tat-Tribunal specjali adit (Artikolu 7 (1), Kapitolu 380), izda hi wkoll inikwa ghal kollox fil-konfront ta' l-attur appellanti. Sostanzjalment, il-Qorti ma tistax taqbel illi ghax l-appellanti rrifjuta l-kera offert lilu, u dan gie depozitat mill-konvenuta, *ergo*, dan il-fatt ghandu jirridonda kontra l-appellanti. Fiz-zgur, ma setax jigi pretiz illi l-appellanti jaccetta hlasijiet meta hu kien qed jagixxi kontra l-appellata biex jizgombraha mill-fond, hekk okkupat minnha bla titolu. Kieku ghamel hekk kien certament jippregudika d-dritt tieghu kif avvanzat bl-azzjoni ta' l-isfratt. Anke fir-rigward tezisti gurisprudenza affermanti din il-qaghda. Ara "**Pantaleone Vella *et* -vs- John Farrugia**", Appell, 4 ta' Frar, 2000 u "**Perit Edwin Calleja *proprio et nomine* -vs- John Said**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Ottubru 2003, per Imhallef G. Valenzia. Jigi ghalhekk ukoll illi t-Tribunal ma setax jippretendi illi l-

flejjes depozitati jigu zbankati mill-appellanti. Dan, anke ghaliex m' ghandux ikun mistenni li dan ibati l-konsegwenzi ta' xi tnaqqis bl-eventwali zbank f' dak li ghalih hu legittimament intitolat;

Kwantu ghall-gustifikazzjoni, o meno, ta' l-ammont reklamat u sostnut mic-certifikazzjoni peritali (ara dokument a fol. 3 tal-process), din il-Qorti ma tarax illi dan ma jikkorrispondix ghar-renti fis-suq gewwa tas-Sliema, konsiderat ukoll illi dan ikopri perijodu ta' sitt snin u erba' xhur. Del resto, imbaghad lanqas ma jirrizulta mill-atti illi dan l-ammont gie b' xi mod ikkontestat mill-konvenuta;

Fuq l-appell incidentali din il-Qorti ssib li l-aggravju fih hu ghal kollox insostenibbli, jekk mhux ukoll, fieragh. Ibda biex fuq il-fond, jekk wiehed joqghod ghax-xhieda ta' Joseph Buttigieg, rapprezentant tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali (fol. 68), ma nharget ebda *requisition order*. Fit-tieni lok, indipendentement mill-ezistenza ta' att bhal dan, jew dik tal-validita`, o meno, tieghu, jibqa' l-fatt illi l-okkupazzjoni effettiva tal-fond saret mill-appellata u hi din li ghandha tirrispondi ghat-talba ta' l-attur. Fuq il-punt din il-Qorti gja kellha okkazjoni tikkummenta fis-sentenza precedenti taghha ta' l-24 ta' Marzu 2004 bejn l-istess partijiet, u ma tarax il-htiega li taggungi oltre.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell incidentali tal-konvenuta, tilqa' l-appell principali ta' l-attur fiz-zewg kapi ta' aggravji u konsegwentement thassar iz-zewg sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar pronunzjati fl-4 ta' April 2005 u 8 ta' Jannar 2007. Tilqa' invece t-talba ta' l-attur kif dedotta fl-Avviz u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess attur is-somma mitluba ta' elf lira (Lm1000) ghall-okkupazzjoni bla titolu tal-fond 9 Viani Street, Sliema. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------